# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum it-Tlieta, 15 ta' Marzu 2016**

**Rikors Ġuramentat Numru: 83/2014**

**Victor Xerri;** kemm f'ismu kif ukoll f'isem ħutu ġermani msefrin **Joseph Xerri;**
**Lawrence Xerri;**
**Maria Concetta Zammit;**
**Maria Assunta Zammit;** kemm f'isimha proprju kif ukoll bħala mandatarja ta' ħutha msefrin **Tarcisio Zammit, Francis Zammit, u Eucharistica Ellul;** kif ukoll bħala mandatarja tan-neputijiet tagħha *ex sorore Maria Galea* u ċjoè **Lorrie Galea, Michael Galea, Joseph Galea u Charlie Galea,** kif ukoll bħala mandatarja tan-neputija tagħha *ex fratre Ġużepp Zammit* u ċjoè **Marguerite Anna Zammit;**
**Michael Angelo sive Michael Zammit;**
**Antonia sive Antoinette xebba Zammit,**
**Catherine sive Kathleen xebba Zammit;**
**Maria Dolores sive Doris xebba Zammit;**
**Josephine Mifsud;**
**Martin Zammit**;
**Alan Wells Ellul**;
**Gregory Michael Ellul,**
**John Galea;**
**Marita Grima;**
**Anna xebba Galea;**
**Josephine Pell;**
**Carmelino Galea;**
**Victor Galea;**
**Catherine xebba Galea** f'isimha u bħala mandatarja ta' ħuha msiefer **Jude Thaddeus Galea,** u tan-neputijiet tagħha *ex fratre Emanuel Galea* u ċjoè

**Dominic Galea u Joseph Galea;**
**Carmel Formosa;**
**Catherine Sultana;**
**Noel Xerri;**
**Grazzju Xerri;**
**Michael Xerri.**
**Emanuel Cremona u martu Cremona, u b'digriet tad-29 ta' Marzu 2016 l-atti ġew korreġuti sabiex jaqra Emanuel Cremona u martu Rose Cremona;**
**Mary Arcidiacono;**
**George Zammit;**
**Michael Zammit;**
**Joseph Zammit;**
**Paul Zammit;**
**Victor Zammit;**
**Evelyn Hart;**
**Helen Compagno**

**vs**

**George Bartolo;**
**Victor Bartolo;**
**L-Avukat Dottor Kevin Mompalao** li b'digriet tal-14 ta' Jannar 2015 ġie maħtur kuratur deputat **sabiex** jirrapreżenta lill-assenti **Mariġwann mart Anthony Spiteri; Eucharistica Gauci;** U fuq rikors ippreżentat minn George Bartolo tal-5 ta' Ġunju 2015, u ddegretat fil-l-istess George Bartolo assuma l-atti tal-kawża bħala prokuratur ta' Mary Jane Spiteri u Eucharistica Gauci minflok l-imsemmi Dr. Kevin Mompalao;
**Victor Licari;**
**L-Avukat Dottor Kevin Mompalao** li b'digriet tal-14 ta' Jannar 2015 ġie maħtur kuratur deputat **sabiex** jirrapreżenta lil:

a. L-eredi mhux magħrufa ta' Fortunato Bartolo;
b. Mary Benson;
c. Margaret Whittaker;
d. Peter Bartolo;
e. David Bartolo;
f. Paul Bartolo;
g. Kym Bartolo;

h. Karen Bartolo;
i. Mary Loretta Bartol Seguin;
j. Lena Bartol de Nino;
k. Katherina Bartol O'Donnell;
l. Esther Bartol Bonnici;
m. Joseph Bartol;
n. Lawrence Bartol;
o. Lori Bartolo Rafsteck;
p. Carole Bartol Fenner;
q. Frank Attard;
r. Kevin Attard;
s. David Attard;
t. Frank Zammit;
u. Judith nee' Zammit;
v. Theresa nee' Zammit;
w. L-eredi nċerti ta' Maria Muscat;
x. L-eredi nċerti ta' Dr. Anthony Bartolo;
y. L-eredi nċerti ta' John Bartolo;
z. L-eredi nċerti ta' Josephine Licari;
aa. L-eredi nċerti ta' Carmen Stacey;
bb. L-eredi nċerti ta' Beatrice Huthinson;
cc. L-eredi nċerti ta' Terese Tufigno;
dd. L-eredi nċerti ta' Helen nee' Bartolo, kunjomha ta' miżżewġa mhux magħruf;
ee. L-ereditā ġjaċenti ta' Pauline Brown;
ff. L-eredi nċerti ta' Margaret Kettle xebba Bartolo.

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-atturi, li permezz tiegħu, wara li ppremettew:

1. Illi Giovanni Bartolo, iben il-mejtin Michele u Maria nee' Spiteri, miet fil-ħdax 911) ta' Frar elf disa' mija sitta u tletin (1936), mentri martu Maria, bint il-mejtin Michele Azzopardi u Theresa nee' Vella, mietet fit-ttlieta u għoxrin (23) ta' Novembru elf disa' mija erbgħa u tletin (1934);

2. Illi l-konjuġi Bartolo rregolaw is-suċċessjoni tagħħom b'testment fl-atti tan-Nutar Giuseppi Grech tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar elf disa' mija disgħa u għoxrin (1929) li bis-saħħa tiegħu huma nnominaw bħala eredi universali tagħħom lid-disat (9) uliedhom, Emanuel, Fortun, Ġużeppi, Anthony, Luigi, Theresa mart Francis Attard, Carmela mart Michael Bartolo, Katarina

mart Michaelangelo Zammit, u Michael aħwa Bartolo – peress li binthom oħra, Suor Bonaventura, fis-seklu Concetta, Bartolo kienet mietet qabilhom xebba u improle, fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju elf disa' mija disgħa u għoxrin (1929);

3. Illi Emanuel Bartolo kien miet fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru elf disa' mija erbgħa u sebgħin (1974), u, sa fejn jafu l-esponenti, uliedu huma Mary Benson, John Bartolo, Margaret Whittaker, Peter Bartolo, u David Bartolo; Mill-informazzjoni mgħoddija lill-esponenti minn Peter Bartolo, John Bartolo, iben ieħor ta' Emanuel Bartolo, miet fl-għaxra (10) ta' Jannar elfejn u ħdax (2011) u kellu tliet ulied: Paul Partolo *(sic)*, Kym Bartolo u Karen Bartolo;

4. Illi l-esponenti jafu li Fortunato Bartolo miet fi Franza iżda la jafu meta miet, la min huma uliedu u lanqas jekk dawn l-ulied għadhomx ħajjin jew mietu;

5. Illi Ġużeppi Bartolo miet fl-elf disa' mija disgħa u erbgħin (1949), u lil dan wirtuh ulied Mary Loretta Bartol Seguin, Lena Bartol de Nino, Emanuel Joseph Bartol, Katherina Bartolo O'Donell, Esther Bartol, mart Louis Bonnici, stante li Carmela Bartol mietet xebba, u bla ulied, qabel missierha, preċiżament fis-sena elf disa' mija u tletin (1930);

   5.a Emanuel Bartolo sive Bartol, miet fit-tnax (12) ta' Settembru elf disa' mija tnejn u disgħìn (1992) u lil dan wirtuh uliedu Joseph Bartol, Lawrence Bartol, Lori Bartol Reifsteck, u Carol Bartol Fenner;

6. Illi l-imsemmi Anthony Bartolo miet fit-tlettax (13) ta' Lulju elf disa' mija erbgħa u tmenin (1984) u b'testment fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tal-wieħed u tletin (31) ta' Marzu elf disa' mija tlieta u tmenin (1983) innomina bħala eredi universali tiegħu lin-neputijiet tiegħu Maria Concetta u Maria Assunta aħwa Zammit;

7. Illi l-imsemmi Luigi Bartolo miet fl-erbatax (14) ta' Awwissu elf disa' mija tlieta u tmenin (1983) u b'testment fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tal-wieħed u tletin (31) ta' Marzu elf disa' mija tlieta u tmenin (1983) innomina bħala eredi universali tiegħu lin-neputijiet tiegħu Maria Concetta u Maria Assunta aħwa Zammit;

8. Illi Theresa mart Francis Attard mietet fit-tnax (12) ta' Diċembru elf disa' mija sebgħa u sittin (1967) u lil din wirtuha uliedha Anthony, Francis Xavier, George, Rose mart Joseph Sultana, Carmela sive Maria Carmela, Concetta, Giovanna lkoll xebbiet, u

Victoria mart Emanuel Zammit fi kwoti ugwali bejniethom. Binha ieħor, Joseph, kienet miet ġuvni u improle fil-ħdax (11) ta' Jannar elf disa' mija tlieta u erbgħin (1943);

8.a Illi bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Antonio Galea tas-sitta (6) ta' Settembru elf disa' mija tnejn u sebgħin (1972) lil Rosa Sultana kienu ġew assenjati xi immobbli għas-saldu ta' sehemha mill-ġenituri tagħha;

8.b Illi Anthony Attard kien miet ġuvni, improle u intestat fi-sebgħa (7) ta' April elf disa' mija u tmenin (1980); u għaldaqstant sehemu akkrexxa fuq ħutu superstiti;

8.c Illi Giovanna Attard kienet mietet xebba, improle u intestata fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju elf disa' mija tlieta u tmenin (1983) u għalhekk sehemha akkrexxa fuq ħutha superstiti;

8.d Illi Concetta Attard mietet fit-tlettax (13) ta' April elfejn (2000) u din innominat bħala eredi tagħha lil ħutha Maria Carmela u Xavier skont it-testment tagħha fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tat-tlettax (13) ta' Ġunju elf disa' mija tnejn u disgħin (1992);

8.e Illi Francis Xavier Attard miet fis-sbatax (17) ta' April elfejn u wieħed (2001), u dan innomina bħala eredi tiegħu lil oħtu Carmela skont it-testment tiegħu fl-atti tan- Nutar Dottor Paul George Pisani tat-tlettax (13) ta' Ġunju elf disa' mija tnejn u disgħin (1992);

8.f Illi Carmela Attard mietet xebba u improle fit-tmintax (18) ta' Frar elfejn u tnejn (2002) u din innominat bħala eredi tagħha lill-esponenti Victor Xerri skont it-testment tagħha fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru elfejn (2000);

8.g Illi George Attard miet fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju elfejn u tnejn (2002) u lil dan wirtuh it-tliet uliedu Frank Attard, Kevin Attard u David Attard;

8.h Illi Victoria mart Emanuel Zammit mietet fit-tmintax (18) ta' April elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) u lil din wirtuha it-tliet uliedha Frank, Judith, u Theresa Zammit;

8.i Illi Rose Sultana mietet fil-ħmistax (15) ta' Settembru elf disa' mija tlieta u tmenin (1983), u bis-saħħa tat-testment

tagħha fl-atti tan-Nutar Antonio Galea tat-tletin (30) ta' Mejju elf disa' mija tlieta u sebgħin (1973) hija ħalliet bħala eredi tagħha lil żewġha Giuseppe Sultana. L-istess Ġiuseppe Sultana miet fit-tnejn (2) ta' Jannar elfejn u wieħed (2001) u bit-testment tiegħu fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tal-wieħed u tletin (31) ta' Lulju elf disa' tmienja u disgħin (1998) huwa nnomina bħala eredi universali tiegħu lil Emanuel u Rose konjuġi Cremona;

9. Illi Carmela mart Michael Bartolo mietet – imma l-esponenti ma għandhomx informazzjoni dwar id-data tal-mewt tagħha - u lil din wirtuha uliedha Mary Jane mart Anthony Spiteri, Eucharistica miżżewġa Gauci, Victor, George, u Giuseppa;

9.a Illi l-esponenti jafu li Ġiuseppa Bartolo kienet mietet wara ommha, bla ulied u għalhekk sehemha x'aktarx akkrexxa fuq ħutha;

10. Illi Katarina mart Michaelangelo Zammit kienet mietet fit-tnejn (2) ta' Lulju elf disa' mija ħamsa u ħamsin (1955) u wirtuha uliedha Fortunato, Tarcisio, Giusepp, Francis, Maria Giovanna, mart Lawrence Galea; Maria Galea; Maria Concetta xebba, Maria Assunta, xebba, Eucharistica Ellul, u Judith Xerri.

10.a Illi Judith Xerri mietet fit-tnejn (2) ta' Mejju elfejn u għaxra (2010) u lil din wirtuha uliedha Catherine Sultana, Joseph Xerri, Lawrence Xerri, Victor Xerri, Noel Xerri, Grazzju Xerri u Michael Xerri skont it-testment tagħha fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tat-tmienja (8) ta' Novembru elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997);

10.b Illi Mary Galea mietet fis-sitta (6) ta' April elf disa' mija sitta u disgħin (1996) u lil din wirtuha l-erbat uliedha Lorrie, Michael, Joseph u Charlie Galea;

10.c Illi Giusepp Zammit miet fit-tlettax (13) ta' Ottubru elfejn u sitta (2006) u skont it-testment tiegħu fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech tal-10 ta' Settembru 2004, dan innomina bħala eredi universali tiegħu lil bintu Marguerita Anna Zammit;

10.d Illi Fortun Zammit miet fl-ewwel (1) ta' Diċembru elfejn u disgħa (2009) u lil dan wirtuh Michael Angelo sive Michael, Antoinette xebba, Catherine sive Kathleen xebba, Maria Dolores sive Doris xebba, Josephine

Mifsud, Martin u ulied bintu predefunta Margaret Ellul u ċjoè Alan Ellul u Gregory Ellul;

10.d.i Illi l-imsemmija Margaret Ellul kienet mietet fis-sittax (16) ta' April elfejn u tlieta (2003) u wirtuha uliedha Alan Wells Ellul u Gregory Michael Ellul;

10.e Illi Maria Giovanna Galea mietet fid-dsatax (19) ta' Diċembru elfejn u sitta (2006) u lil din wirtuha uliedha John, Margaret xebba, Marita Grima, Anna xebba, Jude Thaddeus, Josephine Pell, Carmelino, Victor, Catherine Galea, Emanuel, u Josephine Formosa;

10.e.i Illi Emanuel Galea miet fis-sebgħa (7) ta' Ottubru elfejn u tlettax (2013) u wirtuh iż-żewġt uliedu Dominic u Joseph Galea;

10.e.ii Illi Judith Formosa mietet fis-sebgħa (7) ta' Diċembru elfejn u tnax (2012) u skont it-testment tagħha fl-atti tan-Nutar Christian Zammit tas-sitta u għoxrin (26) ta' Diċembru elfejn u tnax (2012) ħalliet bħala eredi tagħha lil żewġha Carmelo Formosa;

10.e.iii Illi Margaret Galea mietet fit-tmintax (18) ta' Lulju elfejn u erbatax (2014), u skont it-testment tagħha fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tat-tlieta (3) ta' Marzu elfejn u ħamsa (2005), hija ħatret lil oħta Catherine Galea bħala eredi universali tagħha;

11. Illi Michael Bartolo ukoll miet u dan kellu s-segwenti ulied: Maria Muscat, Dr. Anthony Bartolo, John Bartolo, Josephine Licari, Carmen Stacey, Beatrice Hutchinson, Terese sive Tessie Tufigno, Helen Hill, Pauline Benson, George Bartolo (li però kien miet qabel missieru, fl-1931, improle), Margaret Kettle, u Emanuela Zammit;

11.a Illi Maria Muscat illum mejta u lil din wirtuha uliedha Tony, Vincent, Michael, Joseph, Paul, Helen u Doris. Minn dawn Michael Muscat illum mejjet imma l-esponenti ma jafu xejn dwar id-data tal-mewt tiegħu, jekk mietx testat jew intestat u jekk kellux ulied. Anki Paul Muscat illum mejjet imma l-esponenti ma jafu xejn

dwar id-data tal-mewt tiegħu, jekk mietx testat jew intestat u jekk kellux ulied.;

11.b Illi John Bartolo miet u kellu erbat ulied: MaryAnne, Beati, Hella Jean, u Ana Maria. Minn dawn Hella Jean mejta imma l-esponenti ma jafu xejn dwar id-data tal-mewt tagħha, jekk mititx testata jew intestata u jekk kellhiex ulied;

11.c Illi Josephine Licari ukoll mietet u kellha ħdax-il wild: Michael Licari, Victor Licari, Mary Lourdes, Joseph, Bernard, Suor Helendina, Maria Dolores, Esther, Paul, Ruth u Edward. Minn dawn Michael Licari huwa llum mejjet u wirtuh il-ħamest (5) uliedu: Joseph Licari, Anita Aquilina, Johanna Vella, Michael John Licari, u Charlotte Riolo. Anki Bernard Licari miet u għandu sitt ulied – Ian Licari, Andrea Critien, Bernard Licari, Kyra-Margita Zammit, Edward Licari, u Malcolm Licari. Mentri Suor Helendina ħadet il-voti solenni u għalhekk sehemha għandu jitqies li akkrexxa favur ħutha jew id-dixxendenti rispettivi tagħhom;

11.d Illi Carmen Stacey mietet u ssuċċedewha ż-żewġt uliedha Raymond Stacey u Helen Bright;

11.e Illi Tessie Tufigno mietet u kellha sebat ulied: Monica, Anna Maria, Augustine, Roberta, Giselle, Marisa u Alessandra;

11.f Illi Pauline Benson mietet u kellha bint unika: Rosemary;

11.g Illi Margaret Kettle mietet u kellha tliet ulied: Michael Kettle, Jan Kettle u Helen Hart;

11.h Illi Emanuela Zammit mietet fis-sbatax (17) ta' Diċembru elfejn u tlettax (2013) u kellha bħala ulied lil Mary Arcidiacono, George, Michael, Joseph, Paul, Victor, Evelyn Hart, u Helen Compagno li lilhom innominat bħala eredi universali tagħha skont iż-żewġ testmenti tagħha fl-atti tan-Nutar Francis Micallef tat-tletin (30) ta' Ġunju elf disa' mija u disgħin (1990), u sittax (16) ta' Jannar elf disa' mija tlieta u disgħin (1993);

11.i Illi l-esponenti rċevew informazzjoni li anki Dr. Anthony Bartolo miet, u skont l-informazzjoni mgħoddija lilhom minn Victor Licari, lil dan writuh l-erbat uliedu Denise Shelle, Michael Bartolo, Bettina Pearch u Monique de Leon;

12. Illi l-uniċi assi li l-esponenti jafu bihom li kienu jappartjenu lill-antennati tagħhom huwa l-fond ossia lok ta' djar, dari numru għaxra (10) Triq Ħamet, Xagħra, u illum numru għoxrin (20), Triq Tal-Qaċċa, Xagħra, jew numru verjuri, bl-art ta' miegħu;

13. Illi l-atturi ma jridux jibqghu aktar fi stat ta' komunjoni flimkien mal-konvenuta tal-beni provenjenti lilhom mill-wirt u successjoni hawn fuq imsemmija;

14. Illi għalkemm dan il-fond jinsab fil-pussess ta' ulied Carmela mart Michael Bartolo, dawn irrikonoxxew uffiċjalment, permezz ta' ittra uffiċjali tas-26 ta' Ottubru 1984, li tali pussess ma huwiex *animo domini* b'esklużjoni tal-eredi l-oħra imma biss fil-vesti tagħhom ta' ko-eredi;

15. Illi per konsegwenza, u salv għal korrezzjonijiet li jistgħu jsiru neċessarji, dan il-fond illum jappartjeni lill-kontendenti fil-kwoti elenkati fl-anness dokument BI;

16. Illi l-esponenti ttentaw mingħajr suċċess jagħmlu kuntatt mal-persuni li huma ntitolati għal sehem minn dan il-fond sabiex jippruvaw jaslu għal diviżjoni bonarja;

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. tillikwida il-beni ġia formanti il-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Giovanni u Mary konjuġi Bartolo billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk il-beni u assi illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

2. tiddividi din il-komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-assi partikolari ta' Giovanni Bartolo u lill-assi partikolari ta' Mary Bartolo;

3. tillikwida il-beni partikolari ta' Giovanni Bartolo billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjati lilu kif fuq ingħad, u dawk l-assi parafernali illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. tillikwida il-beni partikolari ta' Mary Bartolo billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilha kif

fuq ingħad, u dawk l-assi parafernali illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni;

5. tiddikjara li llum dawn l-assi jappartjenu lill-kontendenti fil-kwoti elenkati fl-anness Dokument BI jew f'dawk il-kwoti verjuri li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

6. Billi jirriżulta illi l-beni mhumiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti, tordna il-liċitazzjoni tal-istess beni sabiex ir-rikavat jiġi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti kif fuq ingħad;

Bl-ispejjeż.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Victor Licari (a fol.29) li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament l-eċċipjenti jaf illi Helen Hill, nee' Bartolo, bint Michael Bartolo u Helena nee' Micallef sallum għadha ħajja u għalhekk ir-rikorrenti jinħtiġilhom jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom;

2. Illi preliminarjament, omm l-eċċipjent, Josephine Licari kellha ħdax-il wild, u mhux għaxra, skond ma hu indikat fil-premessa numru 11c. Illi l-ħdax-il wild huwa Michael Licari, li miet testat fl-4 ta' Settembru 1999;

3. Illi fil-meritu u bla preġudizzju għal premess, salv il-verifika tal-kwoti u li jiġu identifikati u jiddaħħlu f'dawn il-proċeduri l-ko-proprjetarji kollha, hu ma jopponix li l-fondi li jissemmew fir-Rikors Ġuramentat jinbiegħu b'liċitazzjoni u għall-konsegwenti qsim tar-rikavat bejn il-kontendenti skont ir-rispettivi kwoti tagħhom, b'dan li l-ispejjeż ġudizzjarji jiġu sopportati mill-kontendenti kollha skont is-sehem rispettivament tagħhom.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut l-Avukat Dottor Kevin Monpalao nomine (a fol.31) li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi l-esponenti kuratur deputat m'huwiex edotti mill-fatti li taw lok għal din il-kawża u għalhekk fil-waqt li f'dan l-istadju jirrimetti ruħu għall-provi miġjuba, qiegħed jirriserva illi jirrispondi ulterjorment war li jagħmel kuntatt mal-persuni minnu rappreżentati jew xi ħadd minnhom;

2. Illi din id-dikjarazzjoni qed issir u tiġi kkonfermata bil-ġurament mil-kuratur keputat l-Avukat Dottor Kevin Mompalao li jikkonferma l-fatti suesposti.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut George Bartolo proprio et nomine (a fol.130) li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi l-esponenti jaqblu mal-premessi u t-talbiet hekk kif dedotti fis-sens illi jiġu likwidati l-beni formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' Giovanni u Mary konjuġi Bartolo u dana sabiex l-għaxar eredi tagħhom jiġu assenjati decima parti (1/10) kull wieħed minn dak li huma l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-istess konjuġi Bartolo;

   Illi għalhekk jirriżulta illi dawk l-eredi kollha li ġia ġew assenjati parti mill-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti għandhom jikkomputaw tali assi bħala parti mis-sehem spettanti lilhom;

2. Illi huma ma jinsabux f'pożizzjoni li jikkonfermaw illi l-assi li jappartjentu lill-kontendenti huma dawk indikati fid-Dokument B1 u lanqas illi l-kwoti huma dawk elenkati fl-istess Dokument B1 stante li huma ma għandhomx kopja tiegħu;

3. Illi fit-tielet lok, l-esponenti jiddikjaraw ukoll illi huwa qatt ma opponew jew fixklu milli ssir il-qasma u għaldaqstant l-esponenti umilement jissottometti li huma ma għandux jiġi imputat ebda spejjes kwalsiasi;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' Ġunju 2015 li bih l-A.I.C. Shawn Micallef ġie nominat bħala perit tekniku f'din il-kawża sabiex jagħmel stima tal-fond in diviżjoni.

Rat ir-relazzjoni tal-istess perit, ippresentata fit-8 ta' Ottubru 2015 u minnu maħlufa fit-3 ta' Novembu 2015.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-21 ta' Jannar 2016 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża ta' diviżjoni ta' beni pposeduti in komun bejn il-kontendenti. Dawn il-beni, fil-fatt irriżulta li għall-qasma hemm biss fond wieħed, huma provenjenti lilhom il-wirt tal-antenati tagħhom, Giovanni u Maria konjuġi Bartolo, li mietu rispettivament fil-11 ta' Frar 1936 u t-23 ta' Novembru 1934. Dawn kellhom għaxar ulied, li waħda minnhom li kienet soru mietet xebba u nprole. Il-konjuġi Bartolo rregolaw is-suċċessjoni tagħhom permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Giuseppe Grech tal-21 ta' Frar 1929, li bih innominaw bħala eredi universali tagħhom lil dawn id-disa uliedhom.[1] Għalhekk l-assi in diviżjoni, u ċioe' l-fond bin-numru għoxrin (20) Triq tal-Qaċċa, x-Xagħra, Għawdex, bir-raba miegħu anness, skont kif deskritt mill-perit tekniku fir-relazzjoni tiegħu[2] u ndikat fuq parti mis-*survey sheet* 3289,[3] irid jiġi diviż bejn l-eredi ta' dawn id-disa ulied tal-konjuġi Bartolo. L-ismha rispettivi ta' dawn l-eredi huma speċifikati fl-elenku tal-eredi u l-kwota rispettiva spettanti lil kull wieħed minnhom, esebita mill-atturi man-Nota tagħhom tal-5 ta' Ġunju 2015.[4] Dan l-elenku ma ġie kontestat bl-ebda mod minn ħadd mill-kondividendi l-oħra, u għalhekk ser jiġi kkunsidrat bħala korrett u addotat għal-fini ta' din id-diviżjoni.

Il-fond in diviżjoni ġie deskritt u stmat mill-perit tekniku fir-relazzjoni tiegħu.[5] Huwa evidenti li dan il-fond mhux komodament diviżibbli bejn daqstant partijiet, u għalhekk għandu jinbiegħ b'subbasta sabiex imbagħad ir-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti, kulħadd skont sehmu. Għall-fini tas-subbasta għandha tiġi adottata l-istima magħmula mill-A.I.C.Micallef, li vvaluta il-fond fis-somma ta' mitejn u tletin elf euro (€230,000).

Għaldaqstant tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u:

1. tillikwida l-beni ġia formanti l-konunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Giovanni u Mary konjuġi Bartolo, billi tiddikjara illi dawn jikkonsistu unikament fil-fond bin-numru għoxrin (20) Triq tal-Qaċċa, Xagħra, Għawdex, bir-raba annessa magħha, kif deskritta fir-relazzjoni tal-perit Shawn Micallef tat-8 ta' Ottubru 2015, stmata tal-valur ta' mitejn u tletin elf euro (€230,000);

2. tiddividi din il-komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet ugwali, u tassenja nofs indiviż minn dan il-fond lill-assi partikolari ta' Giovanni Bartolo u n-nofs indiviż l-ieħor mill-istess fond lill-assi partikolari ta' Mary Bartolo;

3. tillikwida l-beni partikolari ta' Giovanni Bartolo billi tiddikjara li dan jikkonsisti unikament fin-nofs indiviż tal-fond imsemmi;

---

[1] Dok.C a fol.145 -154
[2] A fol. 317
[3] Ara Dok. SM 03 a fol.321
[4] Ara Dok. BI a fol. 248 -249 tal-process
[5] A fol. 315 -318 tal-process

4. tillikwida l-beni partikolari ta' Mary Bartolo billi tiddikjara li dan jikkonsisti unikament fin-nofs indiviż l-ieħor tal-istess fond;

5. tiddikjara li dan il-fond illum jappartjeni lill-kontendenti kollha fil-kwoti elenkati fid-Dokument B1 anness man-Nota tal-atturi tal-5 ta' Ġunju 2015; u

6. billi jirriżulta illi dan il-fond mhux komodament diviżibbli bejn il-kontendenti, tordna l-liċitazzjoni tiegħu sabiex ir-rikavat jiġi maqsum bejn l-istess kontendenti fil-kwoti spettanti lilhom kif indikat fid-Dokument BI hawn fuq imsemmi.

Billi din hija kawża ta' diviżjoni, l-ispejjeż għandhom jiġu ssoportati bejn il-kontendenti, kullħadd skont is-sehem spettanti lilu minn din l-eredita'.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur